# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 30

Data tal-laqgħa: 15 ta' Jannar, 2021

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Jannar 2021 fil-5.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Assenti b'appoloġija | Christopher Fenech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-5.05p.m. billi ntqalet it-talba.

**30/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**30/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Christopher Fenech biex jiġi skuzat minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li jiġi reġistrat bħala Assenti b'appoloġija.

**30/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal- Laqgħat Numru 28 u 29**

**30/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**30/02/02** **Para 28/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li bagħtet ittra-e lis-Sur Ramon Deguara (Cleansing and Maintenance Division) fuq il-bżonn tax-xogħol ta' tisbiħ fuq il-latrina pubblika.

**30/02/03** **Para 28/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Oscar Mangion dalwaqt ser jibda jħejji t-toqob għal *bollards.*

**30/02/04** **Para 28/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Onor. Dr Clifton Grima ma kellimniex lura rigward il-ground ta' Xwieki.

**30/02/05** **Para 28/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt ma' Sa. Catherine Fenech mill-Awtorità tal-Artijiet biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola.

**30/02/06** **Para 28/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Ing. Mario Sammut qed jaħdem fuq il-kjarifiki li talbuna biex inkunu nistgħu inġibu fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**30/02/07** **Para 28/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont l-Enemalta plc il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl ma tistax titqabbad għax billi hija żona odz l-estensjoni trid issir minn taħt l-art. Sadanittant wieħed mill-Principal Distribution Technical Officer qed jipprova jgħinna.

**30/02/08** **Para 28/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nippreparaw *expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata.

**30/02/09** **Para 28/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**30/02/10** **Para 28/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Reġjun Tramuntana għadu ma installax iż-żewġ CCTV Cameras fil-Ġnien ta' Żagħruna.

**30/02/11** **Para 28/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadna qed nistennew risposta fuq il-korrispondenza minn Dr David H Harding – Re il-post tal-klijenti tiegħu ġewwa Għargħur użat ukoll għal Health Services tal-Gvern, Leap kif ukoll mill-Pulizija bħala l-Għassa tal-Għargħur.

**30/02/12** **Para 28/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*pole* u l-bankina perikoluża fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadhom hemm għax fadal cable.

**30/02/13** **Para 28/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol fuq iz-*zebra crossings* ta' Triq San Bartilmew sar u li z-*zebra crossings* ta' Triq Stiefnu Zerafa ħa ssir it-Tlieta, 19 ta' Jannar 2021.

**30/02/14** **Para 28/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li G&P Borg obbligat li jħallas is-somma ta' €6,446.00 kull xahar lill-Kunsill mill-kundizzjonijiet tal-PA fuq il-permess PA/06203/08.

**30/02/15** **Para 28/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq Għaxqet l-Għajn 'l isfel mill-Madonna tal-Ġebla l-Kbira qeda tixgħel.

**30/02/16** **Para 28/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi xhur li ġejjin il-Cleansing and Maintenance Division ser jipprovdu CCTV camera għal ħdejn l-Sptar tal-Ferħa.

**30/02/17** **Para 28/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat l-*information panel* dwar l-għajn tal-ilma.

**30/02/18** **Para 28/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa terga' tiltaqa' mal-Perit fuq il-*bus shelter* tal-Pjazza. Is-Sur Abraham Aquilina qal li qed jitħasseb l-iktar minħabba l-estetika tal-knisja. Is-Sa. Marilena Hassan qalet li jrid isir u huwa essenzjali. Is-Sindku spjegat li ma hemmx post alternattiv.

**30/02/19** **Para 28/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kuntrattur ser jimplimenta sinjali fi Triq Għaxqet l-Għajn ħalli n-nies isuqu u jipparkjaw sew.

**30/02/20** **Para 28/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq l-applikazzjoni għal fondi mill-Majjistral Action Group Foundation għal tagħmir ta' dawl.

**30/02/21** **Para 28/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat li ssir *sleeping police* fi Triq il-Ġnien (lejn il-Madliena).

**30/02/22** **Para 28/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-erba' toqob li talbet l-Għaqda tan-Nar ma sarux.

**30/02/23** **Para 28/02/27:** Is-Sindku qalet li l-unika soluzzjoni hija li parti mit-Triq Għaxqet l-Għajn taħt is-siġar (min-naħa ta' Triq il-Ġnien) tiġi mimlija bi żrar kbir biex ikun poruż u l-ERA taċċettah. Is-Sur Abraham Aquilina ssuġġerixxa li ngħidu lil Ing. Fredrick Azzopardi biex l-Infrastructure Malta tagħtina ż-żrar. Is-Sindku qalet li jekk ma jaċċettax isir mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**30/02/24** **Para 28/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq Santa Katerina min-naħa ta' Triq tal-Balal qeda tixgħel.

**30/02/25** **Para 28/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur ta' Infrastructure Malta se jieħu ħsieb li ssir *road hump* fil-bidu ta' Triq Għaxqet l-Għajn (min-naħa ta' Triq il-Ġnien).

**30/02/26** **Para 28/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-residenti ta' Triq il-Mitħna għadhom ma ffirmawx karta li qed jaqblu biex issir *road hump* ħdejn numru 3 fi Triq il-Mitħna.

**30/02/27** **Para 28/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-fanal ġdid fi Sqaq Rużarju qed jixgħel.

**30/02/28** **Para 28/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadha ma rċevietx il-proposta ta' kif ser jaħdem il-*Community Garden.*

**30/02/29** **Para 28/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret is-Sezzjoni tal-Immaniġjar tal-Widien sabiex inaddfu r-rimi illegali minn Wied Anġlu u mit-Triq John Adye.

**30/02/30** **Para 28/02/35:** Is-Sindku qalet li ltqajna ma' Sur Sandro Azzopardi biex niddiskutu l-proposta sabiex il-grawnd tal-futbol jinbidel f'*car park* u saqaf ikun żviluppat f'*pitch* tal-*football* li jkun jilħaq l-ogħla *standards*. Barra minn hekk, illum saret laqgħa mal-kumitat tal-Għargħur FC.

**30/02/31** **Para 28/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sistema ta' permessi *online* dalwaqt tkun lesta.

**30/02/32** **Para 28/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq l-applikazzjoni għal Finanzjament għall-krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-ibliet u l-irħula f'Malta u Għawdex minħabba l-proġett Slow Streets.

**30/02/33** **Para 28/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* ġodda fi Triq Mons Luigi Catania għadhom ma sarux.

**30/02/34** **Para 28/02/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* ġodda fi Triq l-Indipendenza k/m Triq Mattia Preti għadhom ma sarux.

**30/02/35** **Para 28/02/42:** Is-Sindku qalet li ħa terġa' tistaqsi lir-residenti jekk iridux li l-bozza li kien hemm fejn Joe l-sprayer fi Triq San Ġwann teħel mal-propjetà tagħhom.

**30/02/36** **Para 28/02/48:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fin-niżla ta' Triq San Bartilmew qeda tixgħel.

**30/02/37** **Para 28/02/49:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq il-Ġnien ħdejn ta' Cuschieri Apartments qeda tixgħel.

**30/02/38** **Para 28/02/50:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella tal-muturi għal Triq Caravaggio.

**30/02/39** **Para 28/02/52:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta mill-Managing Authority biex permezz tal-fondi tal-EAFRD isir sqaq ieħor fi Triq tal-Balal.

**30/02/40** **Para 28/02/53:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kaptell tal-ħadid għal ħdejn il-garaxx ta' resident (faċċata ta' The Golden Chick) fi Triq San Ġwann lest.

**30/02/41** **Para 28/02/54:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li aktarx Transport Malta ser japprovaw żewġ *parking bay* fi Triq Katerina Sammut.

**30/02/42** **Para 28/02/57:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtrajna *bin* ġdid għal ħdejn Għar San Brinkat.

**30/02/43** **Para 28/02/61:** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-kaptell ġdid fi Triq E. Perren se jsir wara li jitlesta x-xogħol.

**30/02/44** **Para 28/03/01:** Is-Sindku qalet li avviċinat lill-ħaddiema assenjati mal-kunsill sabiex darbtejn fil-ġimgħa jużaw il-vann tal-Kunsill biex iwasslu lill-anzjani li jkunu jridu jmorru sal-pjazza tan-Naxxar jew tal-Mosta. Is-Sindku spjegat li ħadd minnhom ma aċċetta apparti li m'għandhomx liċenzja ta' xuffier. Għalhekk, sibna persuna li għandha din il-liċenzja bi prova għal xahrejn. Il-Kunsill qabel unanimament.

**30/02/45** **Para 28/03/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv ordnat tabella 'SLOW' għal Triq l-Indipendenza.

**30/02/46** **Para 28/03/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li naqqasna kemm id-*double yellow line* ta' Triq Caravaggio kif ukoll ta' Triq Dun S. Zarb.

**30/02/47** **Para 28/03/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiltaqa' mal-Interior Designer dan ix-xahar.

**30/02/48** **Para 28/05/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv ordnat T-*sign* għal Triq il-Kbira k/m Triq il-Ġdida.

**30/02/49** **Para 28/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li applikajna għall-Iskema ta' Neutering għal qtates tat-triq.

**30/02/50** **Para 28/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-BOQ biex issir parti minn l-art ta' Triq San Nikola peress li intrefgħet. Il-Kunsill qabel unanimament.

**30/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**30/03/01** Is-Sindku resqet li li jsir *patching* f'parti mit-Triq l-Isqof Gargallo għax kollha ħofor. Il-Kunsill qabel unanimament.

**30/03/02** Is-Sindku resqet stima tal-Perit għaċ-ċertifikazzjoni ta' ħajt fi Triq San Bartilmew (€150 +VAT). Il-Kunsill qabel unanimament.

**30/03/03** Is-Sindku issuġġerit li ssir petizzjoni *online* peress li n-nies il-ħin kollu jħallsu ċ-ċitazzjonijiet. Is-Sur Carl Grech qal li ma jaqbilx għax mhux se nsolvu l-problema. Is-Sur Abraham Aquilina qal li ma jaqbilx li tkun *online* u spjega li rridu naraw kif inpoġġu l-kliem. Is-Sindku qalet li huwa importanti li ngħidu x'qed nagħmlu, il-pjanijiet u s-soluzzjonijiet u niġbru l-appoġġ tar-residenti. Il-Kunsill qabel unanimament.

**30/03/04** Is-Sindku resqet li jsir sett ta' arbli ġodda b'kollox jiġu jiswew €450. Il-Kunsill qabel unanimament.

**30/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**30/04/01** Ma kienx hemm.

**30/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**30/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Street Naming Committee fejn it-tibdil fl-isem ta' Triq il-Mitħna għal Sqaq il-Mitħna ġie uffiċjali.

**30/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Enzo Cachia – Fuq PA6203/08 – G&P Borg qiegħed iħallas is-somma ta' €6,446.00 kull xahar. Sa issa diġà saru tliet pagamenti. Tajjeb infakkru li l-Awtorità tal-Ippjanar iżżomm 10% tas-somma totali indikata sabiex tkopri l-ispejjeż amministrattivi.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**30/05/03** Ġiet innutata Ċirkolari 9 – 2020 Emendi għall-Att dwar Gvern Lokali.

**30/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mir-Reġjun Tramuntana – NYE Fireworks display. Il-Kunsill qal li l-Għaqda tan-Nar San Bartilmew ħadem sehem.

**30/05/05** Ġiet innutata korrispondenza SPI.SCI.8.2020 – Espressjoni ta' Interess – Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022.

**30/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 16 ta' Diċembru 2020).

**30/05/07** Ġiet innutata korrispondenza Cir AKL 2020/136 MentorAid – Sessjonijiet ta' taħriġ Presidenti Reġjonali, Sindki u Kunsilliera (PR, Social Media, CRM, Mental Health, Stress Management).

**30/05/08** Ġiet innutata korrispondenza Cir AKL 2020/135 Inizjattiva Rigal b'Imħabba – Milied għat-Tfal kollha. Il-Kunsill ħa sehem f'din l-inizjattiva.

**30/05/09** Ġiet innutata korrispondenza SPI.SCI.9.2020 – Insaħħu l-ħidma ta' twettiq tal-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali.

**30/05/10** Ġiet innutata l-Kwotazzjoni għal ħnejja ggalvanizzata iżda mingħajr żebgħa mill-Muzzan (€472). Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

**30/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 23 ta' Diċembru 2020).

**30/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 30 ta' Diċembru 2020).

**30/05/13** Ġiet innutata korrispondenza minn Tranport Malta, il-Kunsill talab parir lil TM biex inkunu nistgħu nżidu l-parkeġġ fi Triq San Ġwann. TM ma ssib l-ebda oġġezzjoni. Kien hemm qbil unanimu li jsiru.

**30/05/14** Ġiet innutata l-Kwotazzjoni Karnival b'differenza mill-Big Friends Guggen Musik Malta. Għal tlett siegħat il-vintage bus kif ukoll van armat (€3,000). Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni. Is-SE ħa tapplika mal-AKL peress li hemm fondi għal Attivitajiet iffinanzjati mill-fondi tal-LESA.

**30/05/15** Ġiet innutata korrispondenza SPI.SCI.1.2021 Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta. Kien hemm qbil unanimu li l-iktar postijiet li għandhom bżonn restawr huma t-Torri tas-Semaforu, in-niċeċ kif ukoll il-faċċata tal-kappella ta' San Nikola. Is-SE ser tiċċekkja jekk nistgħux napplikaw.

**30/05/16** Fuq ilment ta' residenta għax ma hemmx bankina mill-Għargħur għan-Naxxar kemm min-naħa ta' San Ġwann kif ukoll min-naħa tan-Naxxar. Il-Kunsill spjega li dawn il-bankini ma jistgħux isiru.

**30/05/17** Ġiet innutata korrispondenza minn residenta li toqgħod fi Triq il-31 ta' Marzu fejn talbet post riservat. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**30/05/18** Ġiet innutata korrispondenza mill-Ing. R. Borg (Enemalta plc) fejn hu spjega li l-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl ma tistax titqabbad għax billi hija żona odz l-estensjoni trid issir minn taħt l-art.

**30/05/19** Ġiet innutata korrispondenza (Ref:7783) minn Transport Malta fejn l-Awtorità qed tinfurmana li rċeviet applikazzjoni għal Parkeġġ Riservat fi Triq 31 ta' Marzu.

**30/05/20** Ġiet innutata korrispondenza mid-Direttur tal-Animal Health and Welfare Department fejn l-applikazzjoni biex issir Cat Café fi Triq Għaxqet l-Għajn ġiet approvata imma ser tinżamm għandhom sakemm jiġu sottomessi l-permessi meħtieġa.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**30/05/21** Fuq it-talba ta' resident għal tabella 'No heavy vehicles' fi sqaq fi Triq il-Ġnien għax qed jagħmlu ħsara fit-triq. Ġie deċiż li ssir *site-visit.*

**30/05/22** Fuq it-talba għal tabella 'No heavy vehicles' fi Triq Fidiel Zarb. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**30/05/23** Fuq it-talba ta' resident biex isir *pole* fir-*roundabout* ċatta ta' Triq Caravaggio fi żmien il-festi. Is-Sindku qalet li r-resident ikkanċella din it-talba.

**30/05/24** Fuq it-talba ta' resident għal bozza ġdida ma' arblu fi Sqaq il-Qiegħed. Is-SE qalet li skont l-Enemalta ma tistax issir.

**30/05/25** Fuq it-talba ta' resident għal *sleeping police* fi Triq Għajn l-Għajn direzzjoni lejn Triq John Adye. Il-Kunsill qabel unanimament.

**30/05/26** Fuq it-talba ta' residenta biex jitneħħew is-siġar ta' mad-dawra tal-*ground* ta' Xwieki. Il-Kunsill qabel unanimament li niżbru dawn is-siġar.

**30/05/27** Fuq it-talba ta' residenti biex isir *culvert* fi Triq Caravaggio biex il-bdiewa ta' Sqaq iċ-Ċawl jiġbru l-ilma ta' triq. Il-Kunsill qabel unanimament li ngħidu lil tax-xogħlijiet.

**30/05/28** Fuq it-talba ta' resident sabiex Triq Excelsior tiġi *one-way* min-naħa ta' Triq E. Perren. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**30/05/29** Fuq it-talba ta' resident għal *sleeping police* fi Triq il-31 ta' Marzu. Is-Sur Carl Grech qal li ma jixtieqx li niġu *labelled* bħala l-Kunsill tal-*sleeping police*. Is-Sur Abraham Aquilina qal li għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti. Il-Kunsill qabel unanimament.

**30/05/30** Fuq it-talba ta' residenta għal mera fit-tarf ta' Triq San Ġorġ. Is-SE qalet li diġà hemm mera fit-tarf ta' Triq San Ġorġ u li trid titranġa daqsxejn.

**30/05/31** Is-Sur Abraham Aquilina qal li r-Regjun Tramuntana ħa jieħu ħsieb jiġbor karozza mill-wied.

**30/05/32** Is-Sur Abraham Aquilina qal it-tnedija tal-ktieb tar-Regjun Tramuntana ħa ssir f'April.

**30/05/33** Is-Sur Abraham Aquilina qal li s-Sa. Ines Bezzina Wettinger għadha kemm kitbet ktieb tar-riċetti u tixtieq li jiġi sponsorjat mill-Kunsill. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li l-ktieb mhuwiex relatat mar-raħal ta' Ħal Għargħur jew ma' xi funzjoni tal-Kunsill.

**30/05/34** Is-Sur Abraham Aquilina qal li sakemm iż-żewġ kennies il-ġodda jidraw it-toroq ta' Ħal Għargħur, ikun aħjar jekk għalissa Frans Bezzina jibqa' jiknes it-toroq taċ-ċentru. Il-Kunsill qabel unanimament.

**30/05/35** Is-Sur Carl Grech tkellem dwar l-importanza li ż-żewġ kennies jimxu mal-iskeda tal-knis u talab li ssir laqgħa mal-Contracts Manager. Il-Kunsill qabel unanimament.

**30/05/36** Is-Sindku qalet li f'Lulju s-Sa. Maria-Elizabeth Azzopardi ser toħroġ bil-pensjoni u spjegat li hemm bżonn nimpjegaw Executive Officer (fuq bażi *full-time*). Il-Kunsill qabel unanimament.

**30/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Performance Appraisal Reports***

**30/06/01** Ġie ippreżentat il-Performance Appraisal Report tas-SE u l-Kunsill unanimament approva dan irrapport u unanimament qabel ukoll li jirrakkomanda lid-DLG sabiex is-SE tingħata Performance bonus ta' 10%. Is-SE ser tieħu ħsieb tibgħat il-Performance Appraisal Report

lid-DLG. Is-SE ppreparat il-Performance Appraisal Reports ta' Sinjura Maria-Elizabeth Azzopardi u ta' Sinjorina Alexia Muscat. Hija rrikomandat li l-ħaddiema klerikali jingħataw Performance bonus ta' 6%. Il-Kunsill unanimament approva rrakkomandazzjoni tas-SE.

**30/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**30/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**30/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**30/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:00p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 15 ta' Frar 2021 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Helene Gauci** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |